MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Numru 263/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**v**

**Matthew Cassar ta' 26 sena bin Carmelo u Maria nee Camilleri, imwieled Marsa fis-6 ta' marzu, 1977, joqghod f'36, Wild Rose, Triq l-Imnarja, Birzebbuga, Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 140177 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Matthew Cassar li gie akkuzat talli fit-23 ta' Jannar, 2003 u f'dati precedenti, f'Attard u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer,

b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazjzoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija,jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazjzoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe DVD's u video cassette foloz. Dan bi ksur ta' l-artikolu 298 (1) (a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassa, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassa, xi artikolujew xihaga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ghal qligh jew ghat-tqassim, jew ghll-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew espona xi stampat, tpinfija, ritratt, film, ktieb, kartolina, jew kitba pornografika jew oxxen. Dan bi ksur tal-artikolu 208 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa koperta b'licenzja jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenza, xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Avvi Legali 120 tal-1992.

Rat il-kusens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Issibu hati fuq amissjoni wara anke li gie moghti cans bil-libi li jahseb fuq l-istess, dan wara li rat l-artikoli 18, 298, 298B, 208, 17 u 18 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal multa ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm 300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------